# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa**
**Disgħa (9) ta' Ottubru 2024**

**Rikors Numru 774/2024 FDP**

Fl-ismijiet

**KopTaCo Coaches Co-operative Limited**
**(Reg No 45)**

**Vs**

**Meeting Point Malta Limited**
**(C 41046)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 10 ta' Lulju 2024, li permezz tiegħu s-soċjetà rikorrenti, bil-ġurament tar-rappreżentant tagħha Kevin Vella, talbet s-segwenti:

    1. *Illi l-koperattiva rikorrenti topera fis-settur tat-trasport u "inter alia" tipprovdi servizzi ta' trasport lill-operaturi turistiċi;*

    2. *Illi l-kumpanija intimata hija operatur turistiku u ilha għal diversi snin klijenta tal-koperattiva rikorrenti;*

    3. *Illi fil-perjodu bejn Marzu 2024 u Ġunju 2024, il-koperattiva rikorrenti pprovdiet servizzi ta' trasport lill-kumpanija intimata liema servizzi ġew fatturati b'mod regolari bħal ma jirriżulta mill-anness prospett immarkat "DOK R-001";*

    4. *Illi sa llum, il-kumpanija intimata hija debitriċi tal-koperattiva rikorrenti fis-somma ta' tnejn u sebgħin elf tlett mija tmienja u disgħin ewro u tlett*

*ċenteżmi (€72,398.03) kif jirriżulta minn kopji tal-fatturi annessi u mmarkati "DOK R-002 sa DOK R-010" rispettivament;*

5. *Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet sabiex jitħallas l-ammont dovut, il-kumpanija intimata baqgħet inadempjenti u dan l-ammont għadu dovut sad-data tal-preżentata ta' dan ir-rikors maħluf;*

6. *Illi għalhekk kellhom jinfetħu dawn il-proċeduri;*

7. *Illi r-rikorrent jaf personalment bil-fatti hawn dikjarati li qed jiġu minnu kkonfermati bil-ġurament;*

8. *Illi l-ammont imsemmi ta' tnejn u sebgħin elf tlett mija tmienja u disgħin Ewro u tlett ċenteżmi (€72,398.03) huwa dejn ċert, likwidu u dovut, u ma jikkonsistix fl-eżekuzzjoni ta' xi fatt u għalhekk fil-fehma tal-koperattiva rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ u skond proċeduri speċjali sommarji kif stabbiliti fil-liġi, billi fl-umli fehma tal-istess koperattiva rikorrenti, il-kumpanija intimata m'għandha ebda eċċezzjonijiet validi fil-liġi x'tagħti għall-azzjoni u għat-talbiet tal-koperattiva rikorrenti.*

*Għaldaqstant, premess is-suespost, il-koperattiva rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti, prevja li tagħti l-provvedimenti kollha opportuni, jogħġobha:*

1. *Tiddispensa mis-smiegħ tal-kawża a tenur tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tiddeċiedi din il-kawża skond proċedura speċjali sommarja;*

2. *Tiddikjara li l-kumpanija intimata hija vera, ċerta u likwida debitriċi tal-koperattiva rikorrenti fis-somma ta' tnejn u sebgħin elf tlett mija tmienja u disgħin Ewro u tlett ċenteżmi (€72,398.03) flimkien mal-imgħax bir-rata legali ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-ħlas effettiv tal-ammont dovut;*

3. *Tikkundanna lill-kumpanija intimata sabiex tħallas lill-koperattiva rikorrenti l-imsemmija somma ta' tnejn u sebgħin elf tlett mija tmienja u disgħin Ewro u tlett ċenteżmi (€72,398.03) flimkien mal-imgħax bir-rata legali ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-ħlas effettiv tal-ammont dovut;*

*Bl-ispejjeż kollha, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju illi qed jiġi ppreżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors u bl-inġunzjoni tal-kumpanija intimata minn issa in subizzjoni u b'riżerva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-koperattiva rikorrenti.*

2. Rat illi fid-19 ta’ Lulju 2024 il-kawża ġiet appuntata għad-9 ta’ Ottubru 2024 fl-10.30am.

3. Rat illi fid-9 ta’ Awissu 2024, is-soċjeta’ intimata ġiet debitament notifikata.

4. Rat illi fid-9 ta’ Ottubru 2024, deher Kevin Paris, għas-soċjeta’ intimata, debitament assistit, li bil-ġurament xehed u, għan-nom tas-soċjeta’ intimata ammetta t-talba kif mitluba mis-soċjeta’ rikorrenti.

5. Rat illi għalhekk il-partijiet għarrfu lill-Qorti illi l-kawża setgħet tmur għas-sentenza.

6. Rat illi għalhekk il-kawża ġiet posposta għas-sentenza illum stess.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti tal-kawża;

Wara illi rat l-ammissjoni ta’ parte tas-soċjeta’ intimata tramite ir-rappreżentant tagħha Kevin Paris;

Tgħaddi biex taqta’ u tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa’** t-talba rikorrenti.

**Tiddikjara** li l-kumpanija intimata hija vera, ċerta u likwida debitriċi tal-koperattiva rikorrenti fis-somma ta’ tnejn u sebgħin elf tlett mija tmienja u disgħin Ewro u tlett ċenteżmi (€72,398.03) flimkien mal-imgħax bir-rata legali ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-ħlas effettiv tal-ammont dovut.

**Tikkundanna** lill-kumpanija intimata sabiex tħallas lill-koperattiva rikorrenti l-imsemmija somma ta’ tnejn u sebgħin elf tlett mija tmienja u disgħin Ewro u tlett ċenteżmi (€72,398.03) flimkien mal-imgħax bir-rata legali ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-ħlas effettiv tal-ammont dovut.

Bl-ispejjeż kollha, inklużi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju illi qed jiġi ppreżentat kontestwalment ma’ dan ir-rikors.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**